**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 217/2009**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**vs**

**Jonathan Grech**
**(ID 22481(G))**

**Illum: 26 ta' Ottubru, 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Jonathan Grech** ta' 27 sena, imwieled ir-Rabat, Għawdex fit-30 ta' Lulju 1981, iben George u Susan nee` Howlett, resident ġewwa 44, San Giorgio, Tiq in-Nibbita, San Pawl il-Baħar, u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 22481(G);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fit-28 ta' Settembru 2008:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija

u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet intavolata fir-Reġistru ta' din il-Qorti mill-Prosekuzzjoni fis-16 ta' April 2009;

Rat ukoll illi l-kawża odjerna ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti bl-assenjazzjoni tad-doveri tal-1 ta' Frar 2013;

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1];

Rat illi fis-seduta tat-28 ta' Ġunju 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qed jeżentaw lill-Qorti kif preseduta milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversement preseduta[2];

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiża.

---

[1] Ara a fol. 2 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 44 tal-proċess.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat:

1. **Is-Supretendent Norbert Ciappara** jixhed fuq l-informazzjoni li ngħata u dan fis-sens illi nhar it-28 ta' Settembru 2008, waqt *party* fuq il-Fosos tal-Furjana, xi membri mill-Iskwadra kontra d-Droga lemħu lil ċertu Christopher Cumbo [f'partijiet oħra tax-xhieda ssir referenza għal Christian Cumbo] u lill-imputat odjern jagħmlu kuntatt. Dawn twaqqfu, Cumbo instab fil-pussess ta' xi droga, u l-imputat instab fil-pussess tas-somma ta' €465 u xi qratas kontenenti suspettata kokaina. Mir-residenza tal-imputat, sussegwentement ġiet elevata borża żgħira tal-plastik li kien fiha droga kokaina. Huwa jixhed ukoll illi meta mitkellem, Cumbo stqarr illi kien xtara d-droga mingħand l-imputat, iżda kien jibża' jiffaċċjah għaliex kien jaħdem ma' missieru u kien jafhom bħala familja kemmxejn vjolenti. Ix-xhud esebixxa l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat[3], kopja tar-riċevuta li nħarġet lill-imputat għas-somma ta' €465[4], żewġ boroż kontenenti trab abjad li ġew elevati minn fuq l-imputat fil-lejl in kwistjoni[5], borża tal-plastik li tikkontjeni borża bi traċċi bojod li ġiet elevata minn PS 1174 u PC 1065 mir-residenza tal-imputat[6], *mobile phone* tal-marka Samsung elevat minn fuq l-imputat[7] u s-somma ta' €465 ukoll elevata minn fuq l-istess imputat.[8]

2. **PS 404** [illum Spettur] **Paul Camilleri** jixhed illi nhar it-28 ta' Settembru 2008, kien xogħol f'*party* fuq il-Fosos tal-Furjana flimkien ma' PS 46 u PS 86, fejn għall-ħabta tat-8.30 p.m. osservaw lill-imputat jgħaddi xi ħaġa minn idu għal id persuna oħra. Għalhekk resqu lejh u identifikaw ruħhom bħala pulizija, filwaqt illi ħaduh sabiex jagħmlulu tfittxija ġewwa kamra li dakinhar, waqt il-*party*, kienet dedikata għall-pulizija. Saritlu *strip search* u taħt il-*jeans*, fil-qalziet ta' taħt, sabulu pakketti kontenenti sustanza suspettata droga. Għalhekk l-imputat ġie arrestat.[9]

   **In kontro-eżami** x-xhud jgħid illi l-uffiċjali li kkonduċew it-tfittxija f'dan il-każ kienu hu u PS 46. Ma jiftakarx min kien hemm iktar. Ikkonferma li għalkemm PS 826 kien preżenti, ma kienx hu li wettaq it-tfittxija. Jgħid in oltre illi normalment waqt it-tfittxija, mal-imputat ikun hemm żewġ

[3] Din tinsab esebita a fol. 17 tal-proċess.
[4] Ara Dok. NC 2, a fol. 18 tal-proċess.
[5] Dawn ġew esebiti bħala Dok. NC 3.
[6] Dok. NC 4.
[7] Esebit bħala Dok. NC 5.
[8] Dok. NC 6. Din ix-xhieda tinsab a fol. 12 sa 16 tal-proċess.
[9] Ara din ix-xhieda a fol. 23 u 24 tal-proċess. Din ix-xhieda nstemgħet fis-seduta tat-18 ta' Ġunju 2012.

uffiċjali, li jkunu ffukati fuq dak li jkun qed iseħħ. Jgħid illi t-tfittxija saret f'dak li hu jsejjaħlu "*qisu cubicle ... qisu kamp*", li kien ġie pprovdut mill-organizzaturi. Jgħid illi daħlu fih u bdiet it-tfittxija, illi l-imputat kien neża l-*jeans* u fil-qalziet ta' taħt kien hemm pakkett, li għalihom seta' kien jikkontjeni d-droga. Ma ftakarx jekk neħħiex il-*jeans* kompletament jew jekk niżlux sal-għarqub. Jgħid ukoll illi "*Il-qalziet ta' taht zgur ma nehhiehx ghax dak kemm inizzluh ftit .. to preserve id-dekor tal-persuna*".[10] Mistoqsi jekk is-sustanza nstabitx mal-art, huwa jgħid illi mingħalih li waqt it-tfittxija s-sustanza kienet għadha fil-qalziet ta' taħt, iżda mistoqsi kemm kien ċert minn dan id-dettal, huwa jgħid illi kienu għaddew għaxar snin. Meta ġie ssuġġerit lilu illi dak li nstab kien mal-art, huwa jeskludi dan u jgħid illi l-kamra kienet nadifa qabel daħlu. Fi kliemu, "*kienet fl-underwear u li niftakar zgur li l-kamra kienet nadifa*."[11]

3. Mir-relazzjoni tal-**Ispiżjar Mario Mifsud**, maħtur bħala espert f'dawn il-proċeduri sabiex janalizza s-sustanza esebita, jirriżulta illi huwa ngħata s-segwenti dokumenti għall-analizi tiegħu:

   i. Borża tal-plastik trasparenti li fiha kien hemm *label* bajda bil-kliem 'Data 28-09-08, Hin 8:30 pm, Elevat/i minn small xxxxx Jonathan Grech 2248xxx, fil-prezenza ta' 2 packets white powder, € 465, minn PC 826, PC 295, PS 46, PS 404'. F'din il-borża kien hemm żewġ boroż żgħar tal-plastik trasparenti li ġo fihom kien hemm trab ta' lewn abjad;

   ii. Borża tal-plastik trasparenti li ġo fiha kien hemm *label* bajda bil-kliem 'Data 28/09/08, Hin 10.00 pm, Elevat/i minn kamra tas-sodda ta' Jonathan Grech komodina, FH2, Triq it-Tempesta, San Pawl il-Baħar, fil-prezenza ta' Jonathan Grech, minn PS 1174, PC 1065'. F'din il-borża kien hemm żewġ biċċiet ta' karti ta' lewn aħdar ċar b'tiċpis ta' lewn blu fuqhom u borża tal-plastik trasparenti li kienet vojta.

   Illi l-istess espert ikkonkluda s-segwenti dwar dawn id-dokumenti:

   a) Illi ma nstabux sustanzi illegali fuq żewġ biċċiet karti ta' lewn aħdar ċar u borża żgħira trasparenti li kien hemm fid-dokument indikat fil-paragrafu (ii) *supra*;

   b) Illi fit-trab ta' lewn abjad li kien hemm f'żewġ boroż żgħar tal-plastik, fid-dokument indikat fil-paragrafu (i) *supra* f'ammont nett totali ta'

---
[10] Ara a fol. 79 tal-proċess.
[11] Ara a fol. 80 tal-proċess. Din ix-xhieda, li nstemgħet nhar it-30 ta' April 2018, tinsab a fol. 77 sa 81 tal-proċess.

0.78 grammi, instabet fihom is-sustanza Kokajina. Il-purita` medja tat-trab ta' lewn abjad għas-sustanza Kokajina kienet ta' ċirka 22.3%. Is-sustanza Kokajina hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.[12]

4. **PS 826 Matthew Parnis** jixhed illi fil-jum in kwistjoni huwa kien qiegħed xogħol fil-Fosos tal-Furjana mal-Iskwadra kontra d-Droga, meta kien preżenti waqt it-tfittxija li saret fuq il-persuna u dan fis-sens illi fi kliemu "*kien fl-area*". Jgħid illi ma kienx hu li għamel it-tfittxija, u ma jafx x'kien instab. Jaf li l-persuna twaqqfet, iżda ma kienx jaf x'sar minn hemm.[13]

   **In kontro-eżami**, fis-seduta tat-30 ta' April 2018, ix-xhud jgħid illi bħala post, huwa ma jiftakarx eżattament fejn kienet saret it-tfittxija. Jgħid ukoll illi l-persuna ġiet imwaqqfa minn PS 46 u PS 404 u illi huwa kien magħhom, iżda ma kienx involut, għalkemm jaf illi waqt illi kienet qed issir it-tfittxija huwa kien preżenti ħdejhom. Jgħid illi dak il-ħin kienu tlieta, iżda kienu t-tnejn l-oħra illi għamlu t-tfittxija u illi huwa ma kienx wieħed minnhom. Mistoqsi jekk jiftakarx kif saru t-tfittxijiet f'dak il-*party*, huwa jgħid illi jidhirlu li kien hemm bħal *gazebo* magħluq, iżda ma kienx jaf jgħid jekk it-tfittxija saritx hemmhekk. Lanqas ma jiftakar fejn kien eżattament waqt it-tfittxija. Jgħid illi huwa ra lill-imputat jitwaqqaf u li normalment tfittxija ssir f'dak il-post fejn ikunu qed isiru t-tfittxijiet f'ambjent ikkontrollat, iżda f'dan il-każ kienu għaddew għaxar snin u ma ftakarx fejn saret it-tfittxija.[14]

Illi da parti tagħha, id-difiża tellgħet bħala xhud lil **George Grech**, missier l-imputat, li xehed dwar ix-xogħol ta' ibnu fin-negozju tiegħu, inkluż fiż-żmien tal-każ odjern, illi ibnu kien beda jaħdem miegħu minn meta kellu ħmistax-il sena, u illi eventwalment fis-sena 2000 bdew jaqsmu d-dħul tan-negozju. Skont ix-xhud, il-flus li nstabu fil-pussess tal-imputat waqt l-arrest tiegħu kienu ġejjin mill-istess negozju u kienu flus li kien tahom lil ibnu hu stess. Jgħid illi huwa kien ta xi €500 lil ibnu dakinhar li arrestawh jew xi jum qabel.[15]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fl-ewwel lok, id-difiża ssostni illi l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat mhijiex ammissibbli bħala prova u dan stante illi l-imputat ma ngħatax il-jedd li jottjeni parir legali u li jkun assistit minn avukat waqt l-istqarrija tiegħu. Fir-rigward, il-Qorti qed tqis l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar id-29 ta' Settembru 2008

[12] Ara din ir-relazzjoni a fol. 29 *et seq* tal-proċess u x-xhieda tal-espert a fol. 27 u 28 tal-proċess.
[13] Ara a fol. 42 u 43 tal-proċess. Ix-xhud xehed fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2013.
[14] Ara din ix-xhieda a fol. 73 sa 76 tal-proċess.
[15] Ara a fol. 83 sa 103 tal-proċess.

bħala nieqsa minn valur probatorju, u dan għaliex minkejja li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi, huwa ma ngħatax id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu u illi jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju u dan stante li fiż-żmien mertu tal-każ dawn il-jeddijiet ma kienx viġenti fil-liġi Maltija. Dan qed jingħad fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin fir-rigward, inkluż iżda mhux biss, is-sentenzi fl-ismijiet **Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021), **Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll **Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 26 ta' April 2022) u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 4 ta' Mejju 2022). Għaldaqstant, il-Qorti qed tiskarta l-kontenut tal-istess stqarrija meħuda lill-imputat.

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat qed jiġi akkużat bir-reat ta' traffikar tad-droga kokaina u dan b'referenza għat-28 ta' Settembru 2008.

F'dan ir-rigward minkejja illi s-Supretendent Norbert Ciappara xehed illi Christopher [jew Christian] Cumbo stqarr illi kien l-imputat li fornih bid-droga li nstabet fil-pussess tiegħu dakinhar tat-28 ta' Settembru 2008 – u hawn irid jingħad illi lanqas ma jirriżulta xi nstab fil-pussess ta' Cumbo stante li fl-ewwel lok ħadd mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni ma xehed dwar din is-sejba u fit-tieni lok, is-sustanza misjuba lanqas ma ġiet ippreżentata u għalhekk analizzata fil-mori ta' dawn il-proċeduri – l-istess Cumbo baqa' ma xehedx f'dawn il-proċeduri. Dan ifisser illi dak li xehed is-Supretendent Ciappara dwar dan baqa' biss *detto del detto*, bir-riżultat li ma nġabitx il-prova, permezz tax-xhieda ta' Cumbo stess, illi l-imputat kien fil-fatt fornih bid-droga kokaina fil-lejl in kwistjoni. Hawnhekk irid jingħad ukoll illi kif tajjeb qalet id-difiża fit-trattazzjoni tagħha, anke l-identita` ta' min allegatament akkwista l-kokaina mingħand l-imputat odjern mhijiex ċara. Kif ingħad, is-Supretendent Ciappara jirreferi għal Christopher Cumbo u f'partijiet oħra tax-xhieda tiegħu għal Christian Cumbo, fil-waqt illi f'partijiet oħra tal-atti proċesswali ssir referenza wkoll għal Giorgio Cubmo[16] u għal Christopher D'Amato.[17] Il-Qorti tqis ukoll illi l-fatt waħdu illi PS 404 Paul Camilleri xehed illi huwa ra lill-imputat jgħaddi xi ħaġa minn idu għal id persuna oħra – li lanqas ma jindika min kienet – ċertament illi ma jagħmilx prova dwar ir-reat attribwit lill-imputat permezz tal-ewwel imputazzjoni. F'dan ir-rigward irid jingħad ukoll illi minkejja illi l-Prosekuzzjoni esebiet il-*mobile phone* li allegatament instab fil-pussess tal-imputat, il-Prosekuzzjoni lanqas ma talbet il-ħatra ta' espert sabiex iniżżel il-kontenut tiegħu. Fiċ-ċirkostanzi, huwa evidenti illi s-sejba tas-somma ta' €465 fil-pussess tal-imputat ma tiswa xejn, meta ma nġabet assolutament l-ebda prova oħra li tista' ssostni l-ewwel imputazzjoni.

[16] Ara a fol. 49, 58 u 69 tal-proċess.
[17] Ara a fol. 60, ix-xhieda a fol. 63 u 64 tal-proċess, u a fol. 69 tal-proċess.

Għaldaqstant, il-Qorti qed tqis illi l-ewwel imputazzjoni ma tirriżultax ippruvata.

Permezz tat-tieni imputazzjoni, imbagħad, l-imputat jinsab akkużat bir-reat ta' pussess tad-droga kokaina.

Fir-rigward, il-Qorti qed tqis ix-xhieda ta' PS 404 Paul Camilleri, mil-liema jirriżulta illi fil-jum in kwistjoni, waqt tfittxija li saret fuq il-persuna tal-imputat, fil-qalziet ta' taħt tiegħu nstabu pakketti li kienu jikkontjenu sustanza suspettata droga. Wara li qieset ukoll dak li xehed PS 404 in kontro-eżami, b'mod partikolari illi huwa eskluda li s-sustanza nstabet mal-art u sostna illi l-kamra kienet nadifa qabel saret it-tfittxija, u minkejja li huwa kien l-uniku uffiċjal tal-pulizija li xehed dwar l-istess tfittxija stante illi PS 826, għalkemm kien preżenti, ma kien jaf xejn dwar il-każ, il-Qorti tqis illi m'għandhiex għalfejn tiddubita dak li xehed l-istess PS 404 u illi fil-fatt fil-pussess tal-imputat instabet din is-sustanza. Mir-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud, imbagħad, jirriżulta wkoll illi dak esebit mill-Uffiċjal Prosekutur bħala Dok. NC 3 ossia ż-żewġ pakketti kontenenti sustanza li nstabu fil-pussess tal-imputat, fih ukoll referenza *inter alia* għall-imputat odjern u għad-data u l-ħin li fihom huwa twaqqaf mill-pulizija, u li dwarhom xehed PS 404, u illi fl-istess sustanza instabet id-droga kokaina.

Il-Qorti tqis għalhekk illi t-tieni imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi għal fini ta' piena dwar it-tieni imputazzjoni, il-Qorti qed tqis fl-ewwel lok, il-fedina penali tal-imputat odjern fiż-żmien mertu tal-każ[18], mil-liema jirriżulta illi l-imputat instab ħati talli kkaġuna feriti ta' natura ħafifa u ta' reati kontravvenzjonali, kif ukoll dwar sewqan mingħajr liċenzja, fir-rigward ta' liema huwa ġie kkundannat għal pieni pekunjarji.

Tqis ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ u illi tenut kont tan-natura tar-reat li tiegħu l-imputat qed jinstab ħati, kif ukoll illi jirriżulta mir-relazzjoni tal-espert l-Ispiżjar Mario Mifsud, illi l-piż tat-trab kontenenti d-droga kokaina kien ta' 0.78 grammi, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tqis in oltre illi dan il-każ jirrisali għas-sena 2008 u illi għalkemm kien hemm numru ta' seduti li fihom l-imputat ma deherx minkejja li kien debitament notifikat jew intalab differiment mid-difiża, id-dewmien ma kienx dovut biss għall-imputat odjern iżda wkoll għall-Prosekuzzjoni, li minkejja li tellgħet l-

[18] Għalkemm il-Qorti ordnat illi tiġi esebita fedina penali aġġornata tal-imputat, din baqgħet ma ġietx esebita mill-Prosekuzzjoni.

aħħar xhieda tagħha fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2013, iddikjarat il-provi magħluqin fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2017 u dan wara li talbet numru ta' differimenti sabiex ittella' xhud, li finalment irrinunzjat għalih.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI u l-Artikolu 22(1)(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat **Jonathan Grech** mhux ħati tal-imputazzjoni (a) miġjuba fil-konfront tiegħu u qegħda tilliberah minnha, filwaqt illi qed issibu ħati tal-imputazzjoni (b) u tikkundannah għall-penali ta' ħamsa u sebgħin ewro (€75).

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-ħati jħallas nofs l-ispejjeż[19] relatati mal-ħatra tal-espert l-Ispiżjar Mario Mifsud ossia s-somma ta' mitejn u ħames ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€205.97), liema somma għandha titħallas mill-ħati fi żmien xahrejn mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni ta' Dok. NC 3 u Dok. NC 4, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna wkoll ir-rilaxx tal-*mobile phone* Samsung esebit bħala Dok. NC 5 u tas-somma ta' erba' mija, ħamsa u sittin ewro (€465) esebita bħala Dok. NC 6 lil Jonathan Grech.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

[19] Dan għaliex parti mill-oġġetti analizzati mill-Ispiżjar Mario Mifsud ma kinux jikkontjenu sustanzi llegali u għaldaqstant, din il-parti tal-analizi tal-istess espert ma nċidietx fuq il-ħtija tal-imputat.